VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 419 tal-2018

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET
(KAP. 35)

Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartimenti tal-Gvern (Emenda Nru 3)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2018 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartimenti tal-Gvern (Emenda Nru 3), u dawn għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar id-Drittijiet li jitħallsu fid-Dipartimenti tal-Gvern, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 35.01.

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

2. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, taħt l-intestatura "Ministeru għat-Trasport u Komunikazzjoni", fis-sezzjoni "Radjokomunikazzjoni", fit-taqsima 'II. Liċenzi għal', għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok il-partita 3 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

"3. (a) *Fixed radio link* li topera fil-bandi ta' frekwenza taħt 1 GHz, għal kull *terminal*, li jkun jiddependi mill-*bandwidth*, dritt fis-sena:

(i)	mhux iżjed minn 100 kHz	230
(ii)	iżjed minn 100 kHz sa 1 MHz	465
(iii)	iżjed minn 1 MHz sa 10 MHz	695
(iv)	iżjed minn 10 MHz sa 100 MHz	930
(v)	iżjed minn 100 MHz, għal kull 100 MHz *bandwidth*	930

(b) *Fixed radio link* li topera fil-bandi ta' frekwenza 'l fuq minn 1 GHz, dritt fis-sena:

(i)	għall-ewwel *link*, li topera fuq kanal, għal kull MHz *bandwidth*	45
(ii)	għal-*links* l-oħra kollha li jiġu wara, li joperaw fuq kanal użat mill-ġdid, għal kull *link*, għal kull MHz *bandwidth*	22.50
(iii)	għal kanal, ikun x'ikun l-għadd ta' *links* użati, għal kull MHz *bandwidth*	247.50 ";

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) il-paragrafi (b), (ċ), (d) u (e) tal-partita 4 tagħha, għandhom jitħassru;

(ċ) minnufih wara l-paragrafu (a) tal-partita 4 tagħha, għandu jiżdied dan li ġej:

"(b) Servizzi ta' Xandir (Anċillari) li jopera fil-bandi ta' frekwenza 'l fuq minn 1 GHz, dritt fis-sena:

(i) għall-ewwel *link*, li topera fuq kanal, għal kull MHz *bandwidth* 45

(ii) għal kull *link* oħra li tiġi wara, li topera fuq kanal użat mill-ġdid, għal kull *link*, għal kull MHz *bandwidth* 22.50

(iii) għal kanal, ikun x'ikun l-għadd ta' *links* użati, għal kull MHz *bandwidth* ..... 247.50 ";

(d) is-subparagrafu (v) tal-paragrafu (a) tal-partita 5 tagħha, għandu jitħassar;

(e) minflok il-partita 24 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

"24. Sistema ta' *Wideband data transmission*, inklużi sistemi ta' *wireless access* bħalma huma *radio local area networks* li joperaw kif hemm fit-Tieni Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjoni Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni) ..... ebda ħlas";

(f) minflok il-partita 26 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

"26. Apparat *high duty cycle/continuous transmission* li jopera kif hemm fit-Tmien Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjoni Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni) ..... ebda ħlas";

(g) minflok il-partita 27 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

"27. Apparat *low duty cycle/high reliability* li jopera kif hemm fis-Seba' Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjoni Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni) ..... ebda ħlas";

(h) minflok il-partita 44 tagħha, għandu jidħol dan li ġej:

"44. Stazzjonijiet tal-Art fuq Pjattaformi Mobbli li joperaw ma' *Geostationary Satellite Networks*, li joperaw kif hemm fis-Sbatax-il Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjoni Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni) ..... ebda ħlas";

(i) minnufih wara l-partita 44 tagħha, għandhom jiżdiedu dawn il-partiti ġodda li ġejjin:

"45. Stazzjonijiet *Transmit-only Mobile Earth* li joperaw kif hemm fl-Għoxrin Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjoni Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni) ..... ebda ħlas

VERŻJONI ELETTRONIKA

46. Trasport Stradali u Telematika tat-Traffiku (*Road Transport and Traffic Telematics* - RTTT) li topera kif hemm fis-Sitta u Għoxrin Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjoni Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni) ..... ebda ħlas

47. *Radiobeacons* li joperaw kif hemm fit-Tlieta u Tletin Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjoni Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni) ..... ebda ħlas

48. Stazzjonijiet tal-Art fuq Pjattaformi Mobbli Terrestri u Marittimi li joperaw ma' *Non-Geostationary Satellite Networks*, li joperaw kif hemm fl-Erbgħa u Tletin Skeda li tinsab mar-Regolamenti dwar Awtorizzazzjoni Ġenerali (Apparat tar-Radjokomunikazzjoni) .... ebda ħlas

49. Eżenzjoni minn kwalunkwe dritt applikabbli taħt din it-Taqsima:

L-ebda dritt ma għandu jitħallas taħt din it-Taqsima fir-rigward ta' l-installazzjoji jew l-użu ta' xi apparat ta' rajdokomunikazzjoni ,irrespettivament ta' kif inhu deskritt, minn xi dinjatarju barrani għat-tul taż-żmien ta' żjara ta' kwalunkwe dinjatarju bħal dan f'Malta:

Iżda għal finijiet ta' din it-Taqsima "dinjatarju barrani" ifisser kull persuna li tkun f'Malta u li hi dinjatarju jew uffiċċjal għoli ta' xi Stat ieħor apparti Malta jew ta' xi organizzazzjoni nternazzjonali rikonoxxuta mill-Ministru responsabbli għall-affarijiet barranin:

Iżda wkoll it-tul taż-żmien ta' żjara ta' din ix-xorta ma għandhiex tkun ta' aktar minn tletin ġurnata konsekuttiva.";

(j) fit-test Ingliż tagħha, minflok il-kliem "II. Duplicate copy of licence:" għandhom jidħlu l-kliem "III. Duplicate copy of licence"; u

(k) it-taqsima kollha intitolata "Rodjokomunikazzjoni" taħt l-intestatura "Ministeru għat-Trasport u Komunikazzjoni" kif emendata iżjed qabel, għandha fl-intier tagħha titħassar u tiġi miżjuda minnufih wara t-taqsima "Tħaffir għaż-żejt" taħt l-intestatura "Uffiċċju tal-Prim Ministru".